MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Numru 668/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Magri)**

**V**

**Lewis Portelli ta' 55 sena bin Anthony**
**u Josephine nee Zammit mwieled**
**fil-Hamrun fl-14 ta' Marzu, 1950**
**u li joqghod fil-fond bin-numru**
**12D, Triq Braille Santa Venera,**
**detentur tal-karta tal-identita'**
**bin-numru 269050(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Lewis Portellili gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fis-27 ta' Gunju, 2005 u

fix-xhur ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta, jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indhal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-artikoli a fol 86 mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsub li tinsab htija kontra Lewis Portelli u cioe:

334, 20, 23 u 533 tal-Kapitlu 9.

Rat li fis-seduta tad-9 ta’ Gunju, 2006 (fol 87) l-akkuat Lewis Portelli ta l-kunsens teighu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi kif xehed Joseph Abela huwa gie msiruq sensiela ta’ oggetti tal-bronz umetall mid-ditta F. Abela & Sons. Gara li ftit zmien warapersuna bl-isem ta’ Joseph Brifa kien mar ghandu b’parti mir-res furtiva, liema oggetti hu gharaf. Kien l-istess Briffa li gharaf lix-xhud li kien xtara l-istess oggetti minn certu Lewis Portelli. Gharaf parti mir-res furtiva mid-dokument CM6.

Dawn l-oggetti fil-fatt gew misjuba mill-Ufficjal Prosekutur fil-hanut ta’ l-akkuzat Lewis Portelli vide ghalhekk Dok CM3 u CM4 a fol 24 u 25 rispettivament.

Ghandu jinghad f’dan l-istadju illi l-oggetti misruqa mid-ditta F. Abela and Sons kienu ferm akbar fl-amont u valur minn dawk li nstabu ghand l-akkuzat Lewis Portelli.

Irrizulta wkoll mill-atti processwali illi ma hemmx qbil fil-prezzijiet li wasal ghalihom l-espert nominat mill-Qorti Philip Borg, vide Dok PB u l-prezzijiet li wasal ghalihom id-derubat Joseph Abela vide Dok JA.

Terga’ u tghid meta xehed Joseph Briffa dik il-persuna li xtrat l-oggetti tal-bronze minghand l-akkuzat dan xehed fuq prezzijiet ferm irhas li hallas hu lill-akkuzat ghall-oggetti minn dak li stmahom sidhom Joseph Abela.

L-istess xhud Joseph Briffa l-kumpratur xehed ukoll illi l-oggetti lli hu kien xtara minghand Portelli kien rahom go hanut taht l-Akkwadotti. Ikkonferma x-xhud Briffa li l-oggetti li xtara minghand l-akkuzat xtrahom versu l-prezz ta’ Lm 390. Briffa xehed ukoll illi l-oggetti li hu xtara minghand Portelli kienu esposti fil-hanut. Xehd ukol Brifaf illi l-akkuzat darba li rrizulta illil-oggetti mibjugha lilu kienu provenjenti minn serq, irrifondih il-prezz li hallsu ghalihom u cioe it-tliet mija u disghin lira Maltija (Lm 390).

Ikkonsidrat

Illi l-akkuzat irrilaxxa stqarrija u xehed ukoll viva voce. Id-darbtejn ikkonferma li l-oggetti in kwistjoni huwa kien xtrahom minn car boot sale versu l-prezz ta’ Lm 120 – Lm 130. Dan kien gewwa r-Razzett tal-Hbiberija. Qal li qeghdhom gol-hanut tieghu ta’ l-antikitajiet. Jghid li damu xi xahrejn ghal tliet xhur gol-hantu. Kienu on display. Jghid ukoll illi dak li ma xtarax Briffa baqgha wkoll on display fil-hanut.

In kontro ezami, ghalkemm ammetta li xtrahom bi prezz ta’Lm 120 – Lm 130 u biegh gia parti minnhom versu l-prezz ta’ Lm 390, insista li xtrahom bi prezz tajjeb.

Insista l-akkuzat li hu ma kellu ebda sapjenza tal-fatt li l-oggetti minnu mixtrija kienu misruqa.

Ikkonsidrat

Illi certament ir-reat principali addebitat lil Lewis Portelli huwa dak ta’ ricettazzjoni li bhala element kostituttiv ghandu dak tax-xjenza li l-oggett in kwistjoni gej f’dan il-kaz minn serqa.

-Hareg car il-fatt li bejn l-espert, is-sid, l-akkuzat u x-xerrej Abela kien hemm divergenza kbira tal-valur ta' l-oggetti in kwistjoni.

-Abela jikkorobora l-akkuzat illi l-oggetti tal-bronze kienu 'on display' fil-hanut tal-akkuzat.

Fi kliem l-akkuzat dawn kienu ilhom hekk ghal madwar xahrejn sa tliet xhur.

Illi l-akkuzat huwa negozjant f'oggetti qodma u antiki, xtara dawn l-oggetti minn car boot sale u, kif inhu l-mestjier tieghu, bieghhom bi profitt. Dan pero' ma jindikax xjenza da parti tieghu tal-provenjenza tal-gandlieri, tentut kont tal-fatt li l-istess perit tal-Qorti, ukoll negozjant fl-antikitajiet kien hafna aktar konservattiv fil-prezz mis-sid ta' l-oggetti.

Hija l-fehma tal-Qorti li anke l-fatt li Portelli halla dawn l-oggetti 'on display' ixejjen it-teorija tax-xjenza da parti ta' l-akkuzat. Ghaldaqstant tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------